SENTENZA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU (It-Tieni Awla)
30 ta' Settembru 2010

Kawża F-36/05

Gudrun Schulze
vs
Il-Kummissjoni Ewropea

"Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Kandidati inklużi f'lista ta' riżerva qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda — Regoli tranżitorji ta' klassifikazzjoni fi grad fil-mument tar-reklutaġġ — Klassifikazzjoni fi skala — Artikolu 32 tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikoli 2, 5 u 12 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Diskriminazzjoni minħabba l-età — Remunerazzjoni ugwali għal xogħol ta' valur ugwali — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Dmir ta' premura"

Suġġett: Rikors, ippreżentat skont l-Artikoli 236 KE u 152 KEEA, li permezz tiegħu G. Schulze talbet: prinċipalment, l-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-8 ta' Frar 2005, li tiċħad l-ilment tagħha u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Ottubru 2004, li tikklassifikaha fil-grad A*6, skala 2; sussidjarjament, li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallasha kumpens.

Deċiżjoni: Ir-rikors huwa miċħud. Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Sommarju

1. Uffiċjali — Kwalità ta' uffiċjal — Kundizzjonijiet għall-kisba
(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 3)

2. Uffiċjali — Reklutaġġ — Ħatra fi grad — Introduzzjoni ta' struttura ġdida tal-karrieri permezz tar-Regolament Nru 723/2004 — Dispożizzjonijiet tranżitorji ta' klassifikazzjoni fi grad
(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 7(1), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27, u 29(1); Anness XIII, Artikolu 12(3); Regolament tal-Kunsill Nru 723/2004)

3. Uffiċjali — Reklutaġġ — Ħatra fi grad — Introduzzjoni ta' struttura ġdida tal-karrieri permezz tar-Regolament Nru 723/2004 — Dispożizzjonijiet tranżitorji ta' klassifikazzjoni fi grad
(Regolamenti tal-Persunal, Anness XIII, Artikolu 12(3); Regolament tal-Kunsill Nru 723/2004)

4. Uffiċjali — Assenjazzjoni — Korrispondenza bejn il-grad u l-pożizzjoni — Determinazzjoni tal-livell ta' pożizzjoni li għandha timtela
(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 5(4), 7(1) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 62; Anness I; Regolament tal-Kunsill Nru 723/2004)

5. Uffiċjali — Prinċipji — Dmir ta' premura tal-amministrazzjoni — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Limiti
(Regolamenti tal-Persunal, Anness XIII, Artikolu 12(3))

1. Mill-Artikolu 3 tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta li l-ħatra ta' uffiċjal toriġina neċessarjament minn att unilaterali tal-Awtorità tal-Ħatra li jippreċiża d-data meta din il-ħatra għandha tidħol fis-seħħ, kif ukoll l-pożizzjoni assenjata lill-persuna kkonċernata. Huwa biss wara li jkun is-suġġett ta' tali deċiżjoni li kandidat magħżul ta' kompetizzjoni ġenerali jista' jitlob il-kwalità ta' uffiċjal u, għaldaqstant, jitlob il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

(ara l-punt 48)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: 11 ta' Lulju 2007, Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, T-58/05, Ġabra p. II-2523, punti 54 u 55

2. Sabiex ma jkunx hemm ostakolu għal iktar żvilupp leġiżlattiv, il-prinċipju ta' ugwaljanza ma għandux ixekkel il-libertà tal-leġiżlatur li fi kwalunkwe mument iressaq emendi għar-Regolamenti tal-Persunal, liema emendi huwa jqis li huma konformi mal-interess tas-servizz, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet jirriżultaw li huma inqas favorevoli mill-qodma.

Konsegwentement, il-leġiżlatur seta', bħala parti mir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal, minn naħa, jipprovdi li r-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet li għalihom ir-reklutaġġ għall-grad A 7 kien ġie ppjanat qabel l-1 ta' Mejju 2004, issa jkunu impjegati fil-grad A*6 u, fl-istess ħin, inaqqas ir-remunerazzjoni fir-rigward ta' dawn il-gradi.

Meta għamel hekk, il-leġiżlatur ma kisirx il-prinċipju ta' ugwaljanza u, b'mod partikolari, il-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tal-età, meta t-tabella ta' gradi korrispondenti li tinsab fl-Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u t-tabella ta' salarji bażiċi fix-xahar humiex manifestament mhux relatati ma' kull teħid inkunsiderazzjoni, direttament jew indirettament, tal-età tal-persuni kkonċernati.

Barra minn hekk, skont ir-regola li tirriżulta mill-Artikolu 7(1), mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 27 u mill-Artikolu 29(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, li tipprovdi li l-livell tal-pożizzjoni li jiġi stabbilit skont in-natura tagħhom, skont l-importanza tagħhom u skont il-portata tagħhom, irrispettivament mill-kwalifiki ta' dawk ikkonċernati, it-tabella ta' gradi korrispondenti li tinsab fl-Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal tiddistingwi l-grad bażiku A*5 mill-grad ogħla A*6, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza meħtieġa għall-pożizzjonijiet f'dan il-livell.

Għaldaqstant, ma jistax jiġi sostnut li l-Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jopponi għal kull teħid inkunsiderazzjoni tal-esperjenza professjonali; huwa jimponi, għall-kuntrarju, fuq l-Awtorità tal-Ħatra li teħodha inkunsiderazzjoni fl-interess tas-servizz, meta jiġi ddeterminat, b'mod oġġettiv, il-livell ta' pożizzjonijiet vakanti.

(ara l-punti 58 sa 62)

Referenza:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: 22 ta' Diċembru 2008, Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, C-443/07 P, Ġabra p. I-10945, punt 83; Il-Qorti tal-Prim'Istanza: 30 ta' Settembru 1998, Ryan vs Il-Qorti tal-Awdituri, T-121/97, Ġabra p. II-3885, punti 98 u 104; 29 ta' Novembru 2006, Campoli vs Il-Kummissjoni, T-135/05, ĠabraSP p. I-A-2-297 u II-A-2-1527, punt 105; Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 86, 89 u 113; It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: 19 ta' Ġunju 2007, Davis *et* vs Il-Kunsill, F-54/06, ĠabraSP p. I-A-1-165 u II-A-1-911, punt 81

3. Id-dritt għall-impjegati tal-istess persuna jew entità li tħaddimhom, li jwettqu xogħol tal-istess valur, li jirċievu l-istess remunerazzjoni jikkostitwixxi l-espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandu l-missjoni li jiżgura l-osservanza. Dan id-dritt huwa, barra minn hekk, stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u fil-Konvenzjoni Nru 111 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

Madankollu, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jipprojbixxix it-trattament differenti ta' sitwazzjonijiet komparabbli jekk id-differenzjazzjoni hija ġġustifikata minn elementi oġġettivi u rilevanti li l-qorti tistħarreġ.

Issa, fil-kuntest tar-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal, il-leġiżlatur seta' jbiddel il-korrispondenza bejn il-gradi u l-pożizzjonijiet, b'mod partikolari billi adotta l-Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, peress li huwa inerenti f'dispożizzjoni tranżitorja li tagħmel eċċezzjoni għal-ċerti regoli tar-Regolamenti tal-Persunal, li l-applikazzjoni tagħhom hija neċessarjament affettwata mill-bdil ta' sistema.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-uffiċjali li nħatru, f'din il-kwalità, wara d-dħul fis-seħħ tar-riforma tar-Regoli tal-Persunal ma jistgħux jiġi kkunsidrati bħala li kienu jinsabu fl-istess sitwazzjoni legali bħal dawk li ġew reklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004 u li l-ħatra tagħhom kienet irregolata mir-Regolamenti tal-Persunal il-qodma.

B'hekk, fid-dawl tar-riforma fl-istruttura tal-gradi, il-leġiżlatur ma kisirx il-prinċipju ta' remunerazzjoni ugwali għal xogħol tal-istess valur billi ta lill-uffiċjali impjegati wara l-imsemmija riforma remunerazzjoni marbuta mal-grad li fih ġew ikklassifikati skont l-Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li hija inqas favorevoli minn dik relatata mal-gradi l-qodma li fihom ġew ikklassifikati l-uffiċjali reklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004.

Konsegwentement, il-fatt li xi assistenti jew xi amministraturi rreklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004 jitħallsu aħjar minn dawk rreklutati bħala uffiċjali wara din id-data ma jiksirx il-prinċipju ta' remunerazzjoni ugwali għal xogħol tal-istess valur.

(ara l-punti 74 sa 79)

Referenza:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: 26 ta' Ġunju 2001, Brunnhofer, C-381/99, Ġabra p. I-4961, punt 28; Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 77 sa 79 u 105; Il-Qorti tal-Prim'Istanza: Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 75, 80, 114, 126 u 129

4. Mill-Artikolu 7(1) moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 62 tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta, li bih l-uffiċjal huwa intitolat għar-remunerazzjoni marbuta mal-grad tiegħu u mal-iskala tiegħu, li wara d-determinazzjoni tal-grad, u għalhekk tad-determinazzjoni tal-livell tas-salarju tal-uffiċjal, dan l-uffiċjal ma jistax jingħata pożizzjoni li ma jikkorrispondix ma' dan il-grad. Fi kliem ieħor, il-grad, u għaldaqstant is-salarju li impjegat ikun intitolat għalih, għandu jiddetermina l-kompiti li jista' jkun responsabbli għalihom. Konsegwentement, il-prinċipju ta' korrispondenza bejn il-grad u l-pożizzjoni jippermetti wkoll li kull uffiċjal li jirrifjuta assenjazzjoni għal pożizzjoni li ma tikkorrispondix mal-grad tiegħu u għaldaqstant, finalment, li jirrifjuta funzjonijiet li ma jikkorrispondux mar-remunerazzjoni tiegħu.

Dan li ngħad iktar 'il fuq ma huwiex ikkontestat mill-fatt li l-Artikolu 5(4) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Anness I tiegħu, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament Nru 723/2004, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll il-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra, ma jiffissax korrispondenza fissa bejn funzjoni speċifika u grad speċifiku. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet ma jbiddlux il-prinċipju, li jirriżulta mill-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, li bih il-livell ta'

pożizzjoni li għandu jimtela għandu jiġi deċiż fid-dawl tal-importanza tal-kompiti mogħtija lill-funzjoni inkwistjoni u fid-dawl biss tal-interess tas-servizz. Huma jimplikaw biss li l-Awtorità tal-Ħatra ma hijiex obbligata li tiddetermina l-grad speċifiku ta' pożizzjoni li jrid jimtela f'avviż ta' pożizzjoni vakanti. L-imsemmija awtorità tibqa', madankollu, obbligata, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha, li tiżgura, minn naħa, li l-firxa ta' gradi li għalihom tirreferi fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti tirrifletti biżżejjed l-importanza tal-kompiti inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, li l-ħatra f'waħda minn dawn il-gradi tibqa' jkollha natura oġġettiva fid-dawl, b'mod partikolari, tal-importanza tal-kompiti li għandhom jitwettqu.

(ara l-punti 80 u 81)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: 7 ta' Mejju 1991, Jongen vs Il-Kummissjoni, T-18/90, Ġabra p. II-187, punt 27; 8 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Economidis, T-56/07 P, ĠabraSP p. I-B-1-31 u II-B-1-213, punti 82 sa 86; 18 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Traore, T-572/08 P, ĠabraSP p. I-B-1-39 u II-B-1-223, punti 38, 40 u 41

5. Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ma għandux neċessarjament intensità ogħla minn dik ta' regolament. Dan japplika bl-istess mod għall-obbligu ta' diliġenza tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-membri tal-persunal tagħha, obbligu li jirrifletti l-bilanċ ta' drittijiet u ta' obbligi reċiproċi li r-Regolamenti tal-Persunal ħolqu fir-relazzjonijiet bejn l-awtorità pubblika u l-membri tal-persunal tas-servizz pubbliku u li, għaldaqstant, għandhom dejjem isibu l-limitu tagħhom fl-osservanza tar-regoli fis-seħħ.

Konsegwentement, minħabba l-pożizzjoni li jokkupa kif ukoll minħabba l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-dmir ta' kura fil-ġerarkija tar-regoli, uffiċjal maħtur matul il-perijodu mill-1 ta' Mejju 2004 sat-30 ta' April 2006 ma jistax jippretendi li jikseb abbażi tagħhom riżultat differenti minn dak li jirriżulta mill-Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, peress li l-kompetenza tal-istituzzjoni hija limitata b'din id-dispożizzjoni.

(ara l-punti 86 u 87)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: 27 ta' Marzu 1990, Chomel vs Il-Kummissjoni, T-123/89, Ġabra p. II-131, punt 32; 17 ta' Ġunju 1993, Arauxo-Dumay vs Il-Kummissjoni, T-65/92, Ġabra p. II-597, punt 37; 22 ta' Ġunju 1994, Rijnoudt u Hocken vs Il-Kummissjoni, T-97/92 u T-111/92, ĠabraSP p. I-A-159 u II-511, punt 104; Campoli vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 149; It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: 23 ta' Jannar 2007, Chassagne vs Il-Kummissjoni, F-43/05, ĠabraSP p. I-A-1-27 u II-A-1-139, punt 111